Creative, Innovative, Professional

Maria Reġina College – Għargħur Primary

St Bartholomeo Street, Għargħur, Malta GĦR 1013

e-mail: mrc.gharghur.pr@ilearn.edu.mt | Tel No 25986540 | www.gharghurprimary.com

The School Motto – Let's Reach Higher!!

DYSLEXIA FRIENDLY SCHOOL AWARD 2018 - 2021 DFS MEDE-MALTA

25 ta' Awwissu 2022

**Ċirkulari għall-istudenti minn KG2 sal-Year 6.**

**Il-laqgħat indikati aktar 'l isfel, se jsiru b'mod virtwali fuq MS TEAMS. Ngħaddulkom *link/invite* viċin il-ġranet tal-laqgħat.**

**S'issa, id-dħul u l-ħruġ tal-istudenti se jsir bħalma konna qabel il-pandemija, jiġifieri minn bieb wieħed u mhux se jintuża l-bieb ta' quddiem il-bar.**

Għeżież Ġenituri,

Merħba għal sena skolastika oħra. Nispera li għandkom sajf ta' mistrieħ.

Dawn li ġejjin huma ftit punti importanti.

- L-iskola hi tagħkom ukoll. Tibqgħux lura milli tiġu tkellmuna.
- Infakkar biex qatt ma tkellmu lill-għalliema direttament. Dejjem irid ikun hemm il-preżenza tiegħi jew ta' Assistent Kap.
- L-istudenti tal-KG2 jibdew skola nhar it-3 ta' Ottubru 8.30a.m. – 2.20p.m. Tistgħu ġġibu l-affarijiet li xtrajtu qabel din il-ġurnata iżda wara li ssir il-laqgħa. Araw li kollox immarkat bl-isem, ukoll il-basket fejn jinġarru l-affarijiet.
- Year 1 -Year 6 jibdew skola nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru 8.30a.m. – 2.30p.m. Dakinhar dawn l-istudenti jridu jġibu magħhom l-affarijiet tal-lista li ngħatat qabel il-vaganzi.
- Infakkar fl-ilbies ta' uniformi xierqa. L-ewwel li tintlibes hija l-uniformi tas-sajf. Se nenfasizza li l-uniformi tkun kif suppost hekk kif kien isir qabel il-pandemija. Il-*website* tal-iskola www.gharghurprimary.com sezzjoni 'About Us' 'Uniform' toffri informazzjoni dwar din.
- Dejjem irid jintlibes sports' shoes abjad u kalzetti bojod. L-aħjar bil-Velcro minflok lazz biex ma jitfixklux fil-lazz u jweġġgħu.
- Fix-Xitwa, trid tintlibes il-ġakketta tal-iskola. L-istudenti tal-Year 6 jistgħu jilbsu waħda skura.

- Nail Polish m'għandux jintlibes.

- Jekk se tixtru basket tal-iskola għat-tfal, tixtruhx bir-roti għax dan ikollu l-*frame* minn ġewwa li jżid mat-toqol tal-basket.

- Infakkar fl-importanza tal-qari kuljum kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti.

- Il-*website* tal-iskola u l-paġna tal-facebook joffru tagħrif varjat dwar l-iskola u dwar xogħol l-istudenti.

- Infakkar biex il-kolazzjon li jġibu magħhom l-istudenti jkun tajjeb għal saħħithom. *Nuggets* li jinxtraw lesti u *Wudy Sausages,* fost l-oħrajn, mhuwiex ikel xieraq u bnin. Xi *cereal bars, croissants, sponges* jafu jkunu mimlija zokkor. Helu mhux aċċettat ħlief *cake* jew *muffins* għall-*birthday.* Ix-xorb irid ikun ilma biss. Il-website tal-iskola, sezzjoni 'About Us' 'Healthy Eating Policy' toffri ideat dwar ikel bnin u aċċettabli.

- L-istudenti jistgħu jġibu yoghurt tal-frott magħhom iżda mhux tal-krema/custard/ċikkulata. Importanti li kull student tal-KG jaf jiftaħ il-yoghurt waħdu u jieklu waħdu.

- Infakkar lill-ġenituri biex kuljum jaraw id-djarju ta' uliedhom. Hekk ikunu qed jaraw il-HW li jrid isir, xi noti importanti mill-għalliema u l-bżonn ta' firma meta meħtieġa. Din is-sena, kif ħabbart waqt il-laqgħat tal-aħħar, l-istudenti minn Year 1 sal-Year 6 se jkollhom id-djarju tal-Kulleġġ.

- Min hu interessat li jibgħat lil uliedu għall-*Breakfast Club*, jista' jagħmel dan mill-*website* tal-iskola jew minn edu.gov.mt **Kull min applika s-sena li għaddiet, irid jerġa' japplika wkoll.** L-applikazzjonijiet joħorġu f'Settembru.

- Importanti li jkollna l-indirizz, email u n-numri tat-telephone tajbin.

- Il-ġenituri li wliedhom se jinġabru ta' spiss minn xi ħadd ieħor, iridu jimlew il-formola mehmuża u jgħadduha lill-għalliema, biex huma jieħdu nota. Iżda, jekk tkun ta' darba, biżżejjed li tgħarrfuna u tgħaddu l-id card tagħkom lil min se jiġbor it-tfal.

Hawn taħt ġejjin xi dati importanti. Għalissa, il-laqgħat se jsiru online.

**SETTEMBRU**

| | |
|---|---|
| 28 | Tibda l-iskola għat-tfal tal-Primarja Yr1 – Yr6 mit-8.30am sas-2.30pm.<br>L-istudenti jġibu magħhom l-affarijiet li kellhom jixtru u l-*Maths Tool Box* skont il-listi li ngħataw qabel il-vaganzi tas-sajf. Kollox irid ikun immarkat bl-isem. |

| | |
|---|---|
| 29 | 9.00a.m. – Laqgħa għall-ġenituri tal-KG2.<br><br>11.00a.m. – Laqgħa għall-ġenituri tal-KG1. |
| 30 | 9.00a.m. – Laqgħa għall-ġenituri tal-Yr 1.<br><br>11.15a.m. – Laqgħa għall-ġenituri tal-Yr 2. |

**OTTUBRU**

| | |
|---|---|
| 3 | Tibda l-iskola għat-tfal tal-KG2 fit-8.30am. Dawn joħorġu fis-2.20p.m.<br><br>9.15a.m. – Laqgħa għall-ġenituri tal-Yr. 3.<br><br>11.15a.m. – Laqgħa għall-ġenituri tal-Yr. 4.<br><br>L-istudenti tal-KG1 jibdew skola. |
| 4 | 9.00a.m. – Laqgħa għall-ġenituri tal- Yr 5.<br><br>11.15a.m. – Laqgħa għall-ġenituri tal-Yr 6. |
| 31 | Mid-Term holiday għal kulħadd. |

**NOVEMBRU**

| | |
|---|---|
| 1, 2 | Mid-Term holiday għal kulħadd. |

Grazzi,

Ms. Ben Ms. Pat
Kap tal-Iskola Asst. Kap